Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

Il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.06am

**01.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

01.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

02.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti ta' l-Ewwel Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

02.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**02.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

02.3.1 Is- Sindku poġġa għal approvazzjoni kwotazzjoni tal-kuntratttur tad-tindif biex ssir extra ħasil tat-toroq ġewwa l-Mdina qabel il-festa għar-raġuni li d- Dipartiment tal-Cleansing baqa' ma jridx jagħti dan it-tip ta' servizz lil Mdina minkejja li l-lokalita' titqies turistika kif jagħmlu fi bliet oħra u minkejja ukoll d-diversi tentattivi li saru biex dan isir, inkluz mill-minority leader tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

02.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ser tinħareġ sejħa għal offerti għal dustbins ġodda f' Howard Gardens. Parti minn dan il-proġett ser jitħallas minn fondi mgħotija mill- MTA. Il-Kunsill approva din is-sejħa.

02.3.3 Is- Sindku infuma lil Kunsill li jidher li kien hemm caqliq għal installazzjoni ta' feedeer pillars ġewwa l-Mdina. Għandha ssir laqgħa ma' l-awtoritajiet f'dan ir-rigward.

02.3.4 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li Gieħ l-Mdina ssir nhar is- 6 ta' Settembru 2024 fejn isir ssoltu BBQ għar-residenti. Il-Kunsill approva.

02.3.4 Is- Sindku qal li hekk kif ġiet f'idejn il-Kunsill kamra li tinsab ġo l-uffiċċju stess tal-Kunsill, din il-kamra għandha tkun attrezzata u tintuza bħala Uffiċċju tas- Sindku. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għal dan il-għan.

02.3.5 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li tinbidel ukoll il-mejda fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill għax ma ghadiex prezentabbli. Il-Kunsill approva.

02.3.5 Is- Sindku infuma lil Kunsill l- Mdina għandu Arċipriet ġdid, Fr. Claude Portelli u li kellu laqgħa informali miegħu.

02.3.6 Is- Sindku għamilha ċara ma' l-awtoritajiet tal-pulizija li hekk kemm il-darba jibew jingħalqu toroq ġewwa mingħajr ma l-Kunsill jiġi almenu avzat, ser isibu lil Kunsill li jagħmel oġġezzjoni formali ma' l-istess awtoritajiet. Huwa fakkar li ġewwa l-Mdina tezisti Bye Law

fejn tirregolarizza dawn l-attivitajiet u l-liġi għandha tiġi rrisspettata minn kulħadd inkluz l-pulizija.

02.3.7 Is- Sindku qal li wasal iz-zmien li Casino Notabile jiġi mdawwar fi Art Cafe Gallery u li s'issa l-ftehim li għandna mal-Lands ma jippermettix dan. L-Ispejjez huma enormi biex timmantjeni din il-binja u għalhekk filwaqt li nzommu din il-bija għal arti u kultura fl-istess ħin tkun sostenibbli finanzjarjament u li tagħmel sens għal Kunsill.

## 02.4 Rapport Finanzjarju tat- Tlett Xhur Jannar sa Marzu

02.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

02.4.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

## 02.5 Proposta għal Attivita bl-isem Baroque Carnival fl-Mdina

02.5.1 Prezenti għal din il-laqgħa kien hawn is- Sur Carlos Debattista minn Take Two Productions fejn ppropona li ssir attivita bl-isem Baroque Carnival in Mdina b'kolllaborazzjoni mal-Kunsill fis-sena 2026.

02.5.2 Il- Kunsill qabel ma din il-proposta u fix-xhur li ġejjin ser isiru aktar laqgħat fuq din it-tema.

## 02.6 Parkeġġi riservati għar-residenti ta' L-Mdina u sitwazzjoni prezenti.

02.6.1 Is- Sindku beda biex qal li s-sitwaazjoni ta' traffiku fil-lokalita ta' l-Mdina kompliet tiggrava fejn sfortunatament kulħadd jagħmel li jrid mingħajr ma tara' ebda infurzar mill-awtoritajiet. Bħala Reġjun tal- Punent dan għarfuh u fil-ġimgħat li gejjin ser jiġu installati CCTV cameras barra l-Mdina li jkun mqabbad mal-LESA bl-istess fondi mir-Reġjun.

02.6.2 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq dan is-suġġett.

02.6.3 Gie deċiz l-Kunsill għandu jikteb lil- awtoritajiet tal-LESA biex jagħrfu jimxu fejn l-infurzar jibda jintwera' bil-fatti. Il-Kunsill ser ikellem lil Perit tal- Kunsill biex jara' l-possibilitajiet kollha ta' traffic management barra l-Mdina.

## 02.7 Ftehim ta' Framework Public Works- Proġetti

02.7.1 Il-Kunsill ddiskuta l-ftehim li sar mal- Public Works rigward talbiet ta' xogħolijiet infrastrutturali li jistgħu isiru maz-zmien. Ser jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-Public Works xi xogħoliiet li hemm bzonn ġewwa l-Mdina. Il-Perit tal-Kunsill ser jara' li dan jitwettaq.

## 02.8 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

02.8.1 Animal Welfare Department- Cat Feeders Scheme 2024. Applikazzjonijiet jagħlqu 31 ta'

Lulju 2024.

02.8.2 Legjun ta’ Marija- Talba biex idaħħlu xi anzjani bil-karozzi. Il-Kunsill jagħti permess biss li dawk li ghandhom Blue Card

02.8.3 Miss Mdina-- Talba għal main sponsor. Il-Kunsill approva.

02.8.4 Ilment fuq l-istat tal-gabbana li tinsab fi Howard Gardens. Il-Kunsill ser jibghat għal operatur tal-gabbana biex jitkellem miegħu.

02.8.5 B’Kara St. Joseph.- Attivita’ Triathlon 6 tha Awwissu 2024. Il-Kunsill approva

02.8.6 Street Naming Committee- Sar suġġeriment min dan il-kumitat biex iz-zona magħrufa bħala Tal-Hemsija minflok tiġi msemmija Triq Tal-Ħemsija. Il-Kunsill ma jsix oġġezzjoni.

02.8.7 UM- Qed jiġu offruti servizzi ta Blood Pressure Monitoring in kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill approva.

02.8.8 Explore Malta Imdina- B’ kollaborazjoni mal- Ministeru tal-Kultura qed jiġi offrut li jitwaħħlu ma landmarks u siti storiċi tip ta’ apparat li jservi bħal informazzjoni lil turisti. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa.

02.8.9 SEM- Servizzi ta’ assistenza għal fondi ewropej.

## 02.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

02.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li jġibu d-data tas- 12 ta’ Lulju 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 33,622.44

02.9.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

## 02.10 Tmiem tal- Laqgħa

02.10 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.18am u ġiet aġġornata għat-12 ta’ Lulju 2024 fit-9am

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| _____________________ | _____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____12 ta’ Awwissu 2024__